MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 111/2008

**Francis Brincat (ID 593930(M)**
**u martu Emma Brincat ID 8633(M)**

**Vs**

**Josef Grech ID 445871(M)**
**u martu Flora Grech ID 412672(M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jhallsu lill-istess atturi/rikorrenti:

(i) is-somma ta' hames telef, mitejn u erbgha u ghoxrin euro u tmienja u sebghin euro centezmi (€5,224.78) (ekwivalenti ghall-elfejn mitejn u tlieta u erbghin lira Maltin (Lm2243) rapprezentanti arretrati ta' kera tal-fond sebgha u tmenin (87) Luqa Road, Poala,

ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija u disgha u disghin (1999) u s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000), data li fiha rritornaw ic-cwievet tal-fond fuq imsemmi, oltre l-imghax legali mill-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv; u

(ii) is-somma ta' tlett elef sitt mija u disgha u disghin euro u disgha u sebghin ewro centezmi (€3,699.79) (ekwivalenti ghall-elf hames mija tmienja u tmenin liri Maltin u tnejn u tletin cetnezmi (Lm1588.32) rapprezentanti imghax legali fuq is-sorte kanonizzat b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civii datata tnax (12) ta' Lulju elfejn u sebgha (2007), kalkolati mis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin u cjoe id-data li fiha giet prezentanta ic-citazzjoni fl-imsemmija kawza, oltre l-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali datati wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) rispettivament.

Rat ir-risposta tal-konvenuti (a fol 9 tal-atti ) u li biha esponew bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(c) u 2156(d) tal-Kap,. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mhuwiex dovut u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 31 u fol 34 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, din is-sentenza tirreferi biss ghall-ewwel (1) eccezzjoni kif sottomessa mill-konvenuti li jikkontendu illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti bit-trapass ta' hames (5) snin a bazi tal-artikolu citat u li jirreferi ghal azzjonjiet in

konnessjoni mal-pagament ta’ kera u dawk ghal pagament ta’ imghax fuq sommom mislufin jew taht titolu iehor jew, in generali, ghal kull haga pagabbli bis-sena jew perjodu iehor taht is-sena.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-ewwel (1) talba, hawnhekk qed jintalab il-hlas ta’ arretrati ta’ kera fiq il-post imsemmi u dan ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) ta’ Jannar 1999 sas-27 ta’ Gunju 2000, din tal-ahhar id-data li fiha gew irritornati c-cwievet. Dwar dan u konness ma din it-talba hemm dak miktub a fol 24 tal-atti, dan formanti parti minn sentenza mghotija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-istess ismijiet fit-12 ta’ Lulju 2007 (citaz numru 1986/98AL). Hawnhekk jinghad illi, skond kif risultanti minn verbal fl-atti ta’ l-kawza citata u datat, il-31 ta’ Ottubru 2000, kien gie dikjarat illi l-konvenuti kienu kkonsenjaw ic-cavetta tal-fond, komun u ghaz-zewg kawzi, lill-atturi li accetawha.

Illi, sussegwentement, jidher li fil-31 ta’ Lulju 2002, kienet giet presentata ittra ufficjali (fol 17 ibid) li biha l-konvenuti gew ukoll interpellati sabiex jhallsu l-istess skadenzi ta’ kera mitlubin, liema ittra ufficjali giet notifikata fis-7 ta’ Awissu 2002. Din giet segwita minn ittra ufficjali ohra, presentata fit-13 ta’ Novembru 2006, u notifikata fl-17 ta’ Novembru 2006. Ghandu jissemma illi dawn l-ittri ufficjali gew presentati u notifikati fil-morti tal-kawza l-ohra hawn fuq citata.

Illi, min dak premess, jirrizulta b‘mod car illi l-perjodu ta’ preskrizzoni bl-ebda mod ma kien iddekorra sakemm gie, presentat ir-rikors in esami fit-3 ta’ Marzu 2008 u ghalhekk l-ewwel (1) talba bl-ebda mod hi estinta.

Ikkunsidrat

Illi in rigward it-tieni (2) talba, din tirrefri ghall-imghax legali fuq is-sorte kanonizzat bl-istess sentenza hawn fuq citata moghtija, kif di gja ssemma’, fit-12 ta’ Lulju 2007 u kalkolat mis-7 ta’ Ottubru 1998, id-data meta giet presentata l-imsemmija kawza.

Illi ta' minn jinnota illi fil-fatt ic-citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili jidher li giet presentata fl-1998 u mhux fl-1988 kif hemm premess fl-avviz.

Illi f'din il-kawza, kien gie deciz fis-sentenza illi l-atturi ghandhom jigu kanonizzati kreditu fis-somma ta' Lm2206, ossija arretrati ta' kera' bejn l-ewwel (1) ta' Lulju 1997 u l-ewwel (1) ta' Ottubru 1998. Jirrisulta ukoll illi kemm fic-citazzjoni relattiva kemm fis-sentenza, ma hemm ebda referenza, talba jew decizjoni dwar l-imghaxijiet dovuti fuq l-istess somma. Dwar dan il-punt, din il-Qorti dejjem kienet tal-fehma u konvinzjoni illi f'talba li tirreferi ghal kanonizzazzjoni ta' kreditu, hemm implicita dik in rigward il-hlas ta' imghax relattiv ghall-istess ammont u ma kienx jkun 'ultra petita' f'kaz li l-istess Prim'Awla kienet tikkundanna lill-konvenuti ghal hlas tal-imghax a bazi tal-artikolu1141 tal-Kodici Civili, skond jekk l-obbligazzjoni kienitx ta' natura kummercjali jew civili. Filfatt, f'dan il-kaz, qed jintalab il-hlas ta' dan l-imghax, mid-data tal-presentata tac-citazzjoni msemmija u dak ulterjuri sal-pagament effettiv.

Illi dak li gie premess fil-paragrafu precedenti jinsab konfortat minn sentenza citata mill-atturi u deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-7 t'Ottubru 2005 fl-ismijiet 'Constantino Abela u George Azzopardi' (Citaz numru 380/87/1). Dwar dan, trid issir referenza ghal pagna 15 u 16 ta' din is-sentenza citata.

Illi, ghalhekk avolja fis-sentanza citata fl-avviz u li di gja saret referenza ghaliha avolja ma saret l-ebda talba 'ad hoc' in konnessjoni mal-hlas tal-imghax fuq l-ammont kanonizzat, din it-talba ghandha tigi konsiderata bhala li saret implicitament meta gie mitlub il-hlas tal-kapital u ghalhekk mal-presentata tac-citazzjoni numru 1986/98AL, kif ukoll ta'ittri ufficjali, li bihom intalab il-hlas ta' arretrati ta' kera, id-dekors tal-perjodu ta' preskrizzoni kien gie interott ghall kulleffett u fini fil-ligi u baqa' hekk sad-data tal-istess sentenza cjoe sat-12 ta' Lulju 2007 u rega' beda jiddekorri minn dik id-data. Ghalhekk jidher ovvju illi, anke in rigward it-tieni (2) talba, l-azzjoni ma hiex preskritta

tenut kont li dan ir-rikors, in esami, gie presentat fit-3 ta' Marzu 2008.

Ghalhekk l-eccezzjoni in esami ma tistax tigi akkolta anke in rigward it-tieni (2) talba.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni preliminari in esami kif proposta in rigward iz-zewg talbiet in esami u tordna li dan il-kaz jitkompla fil-meritu u jigi deciz wara li tigi konsiderata it-tieni (2) eccezzjoni, akkwantu vaga u nieqsa minn dettalji fis-sustanza.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------